

# Il-pittura tal-Verġni Marija bilqiegħda fuq tron b'Ġesù tarbija

*Dr Andrew Baldacchino MD*

Il-pittura tal-Verġni Marija bilqiegħda fuq tron b'Ġesù tarbija f'ħoġorha li qiegħda fil-Mużew tal-Istorja u Arti tal-parroċċa taż-Żejtun (u li kopja tagħha tinsab fuq l-artal tar-Rużarju fil-knisja tal-istess parroċċa) hija waħda mill-ftit pitturi li għad fadal ta' żmien il-bidu tar-Rinaxximent f'Malta. Bħala xbieha jidher li kienet meqjuma ħafna. Xhieda tal-importanza li għandha huwa l-fatt li jeżistu mill-inqas tliet kopji tagħha, wieħed minnhom żejt fuq it-tila li jifforma parti mill-kollezzjoni li hemm fil-Palazz Verdala, il-Buskett.



Il-Pittura li tinsab fil-Mużew tal-Parroċċa

Ir-restawr li sar xi snin ilu fuq din il-pittura minn Recoop (The Restoration and Conservation Coop Ltd) kixef storja affaxxinanti dwar min huwa tassew l-awtur ta' din il-pittura.

**It-trittiku fil-parroċċa l-antika**

Il-pittura li waslet sa għandna oriġinarjament kienet tifforma parti minn trittiku (kwadru bi tliet pannelli) li kien ikkummissjonat, fil-bidu tas-seklu sittax, għall-parroċċa l-antika taż-Żejtun (illum insibuha bħala ta' San Girgor). Dan it-trittiku kien magħmul minn pannell ċentrali bix-xbieha tal-Madonna bil-Bambin u fuq kull naħa ż-żewġ pannelli l-oħra: naħa waħda bi xbieha ta' San Pawl u n-naħa l-oħra b'Santa Katarina ta' Lixandra. L-aħħar li dan it-trittiku li jissemma hu f'rapport ta' żjara pastorali li saret bejn 1644 u 1646.

Jidher illi fil-ħbit li kien sar fl-1614 fuq il-knisja ta' San Girgor, dan it-trittiku ġarrab xi ħsarat. Tant kienet kbira l-ħerba li tħalliet wara l-attakk li l-knisja kellha tingħalaq għal xi xhur. Mit-trittiku, l-aktar li ġarrbu ħsara kienu l-pannelli tal-ġnub. Kien għalhekk li meta ġie deċiż li jsir restawr tat-trittiku fl-1672, il-pannelli tal-ġnub ġew imwarrba.

**L-intervent ta' Pietro Nunez de Villavicentio**

Għar-restawr ġie mqabbad Pietro Nunez de Villavicentio (1640 - c. 1695), artist minn Sevilja u kavallier tal-Ordni ta'



Il-firma ta' Villavicentio

San Ġwann. Meta Villavicentio rrestawra l-pittura ma baqax fidil daqshekk mal-pittura oriġinali u għamel xi żidiet jew tibdil. Wara dawn l-interventi, ħass li issa għandu jpoġġi l-firma tiegħu: "Capitano Fra" u d-data 1672 fin-naħa tal-lemin tat-tron tal-Verġni , b'referenza li hu kien kavallier tal-Ordni. Minħabba f'hekk, għal ħafna żmien, kien maħsub li din il-pittura kienet kopja ta' dan l-artist. Ta' min jgħid li dan ir-restawr jissemma fir-rapport taż-żjara pastorali mill-Isqof Davide Cocco-Palmieri fl-1693.

**Antonello da Messina**

Imma r-restawr li sar dan l-aħħar mir-Recoop żvela storja differenti. Waqt ir-restawr (fejn sar studju mhux biss dwar x'tip ta' żebgħa ntużat imma wkoll ittieħdu ritratti bl-infrared u *ultraviolet* biex jiġu studjati s-saffi) beda jidher ċar li l-pittur ta' din l-opra ma kienx Villavicentio imma xi ħadd li kien imħarreġ sew u li ħadem mill-qrib mal-pittur Sqalli Antonello da Messina (c.1430-1449). Antonello da Messina huwa meqjus bħala wieħed mill-ġenji tal-bidu tar-Rinaxximent fl-Italja. Huwa kien kapaċi jgħaqqad l-għarfien tiegħu tat-teknika biż-żejt tal-pitturi Fjamingi mal-ħiliet artistiċi Taljani. Ħalla influwenza kbira fl-arti fl-Italja speċjalment f'Venezia. Tant hu hekk li hemm min jgħid li kien dan il-pittur min-naħa t'isfel tal-Italja li introduċa ż-żejt fl-arti ta' pajjiżu.

**Il-pittur tat-trittiku: Antonio de Saliba**

Antonello da Messina kellu tliet neputijiet li kienu jaħdmu fil-qrib fil-ħanut tax-xogħol ta' Antonio da Messina. Tnejn minnhom kienu aħwa: Antonio u Pietro de Saliba. Ommhom kienet oħt Antonello da Messina li kienet miżżewġa lil Giovanni Resaliba, li kellu dixxendenza Maltija: skultur imħarreġ fl-injam. In-neputi l-ieħor kien Giovanni Salvo d'Antonio, it-tifel ta' ħu Antonio, Giordano. Dawn it-tliet artisti ta' spiss kienu jipproduċu xi xogħlijiet għall-familji nobbli tal-gżira tagħna.

It-trittiku taż-Żejtun jidher li hu xogħol Antonio de Saliba, neputi ta' Antonello. F'Malta Antonio sab l-għajnuna tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, fejn fl-1515 ħadem ukoll xi xogħlijiet għall-knisja Santa Marija ta' Ġesù, ir-Rabat. Mill-pitturi u dokumenti li waslu sa żmienna, De Saliba kien l-aktar attiv bejn l-1497 sal-1534. Apparti f'Malta, xogħlijiet tiegħu jinsabu ġewwa Veneto fi Sqallija, fil-Kalabrija, kif ukoll f'mużewijiet ta' ċertu prestiġju bħal Metropolitan Museum of Art fi New York, fil-Gallerie del Accademia f'Venezja u fil-Victoria and Albert Museum f'Londra. Meta wieħed iqabbel ix-xogħol li għandna fil-Mużew tal-Parroċċa ma' pitturi oħra ta' de Saliba li juru l-Verġni bit-tarbija, wieħed jinduna kemm bejniethom hemm xebh impressjonanti. Eżempju ta' dan hi l-pittura li hemm fil-Musee Jacquemart-André f'Pariġi.

**Il-pittura fil-kuntest tal-istorja tal-arti f'Malta**

L-importanza ta' din il-pittura mhijiex biss fis-sengħa u l-ħila li kellu De Saliba.  Imma wkoll il-fatt li tkompli tikkonferma li anke qabel il-wasla tal-kavallieri, Malta ma kinitx deżert artistiku, nieqsa minn xogħlijiet tal-arti ta' ċertu livell. Hija wkoll prova oħra tar-rabta li Malta kellha mal-iskola ta' Antonello da Messina.

Grazzi għal dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr reġgħu ħarġu l-kwalitajiet oriġinali u ta' livell għoli li kien hemm moħbija bl-intervent li kien għamel Villavicentio. Imma mhux biss, din il-pittura, bl-istorja affaxxinanti tagħha, reġgħet tpoġġiet fil-kuntest storiku tal-arti li jixirqilha. B'hekk stajna niskopru teżor ieħor importanti li jagħmel parti mhux biss mill-wirt taż-Żejtun imma tal-istorja tal-arti tal-gżejjer tagħna.



*Il-Pittura ta' de Saliba li tinsab fil-Mużew Jacquemart-André f'Pariġi*